Dispożittiv

1) L-appell huwa miċħud.

2) Fred Olsen SA hija kkundannata għall-ispejjeż.

3) Ir-Renju ta' Spanja għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) ta' l-4 ta' Ottubru 2007 — Il-Kummissjoni vs L-Italja

(Kawża C-217/06)

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Kuntratti pubbliċi ta' appalt — Direttiva 71/305/KEE — Kunċett u delimitazzjoni ta' kuntratt pubbliku ta' appalt — Nuqqas li pproduċa l-effetti kollha tiegħu"

1. *Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Nuqqas li ntemm qabel l-iskadenza tat-terminu ffissat mill-opinjoni motivata — Inammissibbiltà (Artikolu 226 KE) (ara l-punt 21)*

2. *Dritt Komunitarju — Prinċipji — Protezzjoni ta' l-aspettattivi leġittimi — Kamp ta' applikazzjoni (Direttiva tal-Kunsill 71/305) (ara l-punt 23)*

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Ksur ta' l-Artikoli 3 u 12 tad-Direttiva tal-Kunsill 71/305/KEE, tas-26 ta' Lulju 1971, li tikkonċerna l-koordinament tal-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi ta' appalt (ĠU L 185, p. 5) — Għoti, wara

negozjati privati u mingħajr pubblikazzjoni ta' sejħa għall-offerti, ta' kuntratt ta' appalt li għandu bħala suġġett it-twettiq tax-xogħlijiet imsemmija fid-Deliberazzjoni Nru 48 tal-Kunsill Munićipali ta' Stintino ta' l-14 ta' Diċembru 1989, u b'mod partikolari "l-ippjanar ta' l-eżekuzzjoni u t-twettiq tax-xogħlijiet ta' aġġornament teknoloġiku u strutturali, manutenzjoni u titjib tan-netwerks idrawliċi u tad-dranaġġ, tan-netwerk tat-toroq, ta' l-istrutturi u ta' l-installazzjonijiet ta' servizzi għaċ-ċentru abitat, ta' l-irħula esterni u taż-żoni turistiċi tat-territorju tal-Komun ta' Stintino, inkluż ir-rijabilitazzjoni u t-tindif mit-tniġġiż tal-kosta u taċ-ċentri turistiċi ta' dan il-Komun".

Dispożittiv

1) Billi ppermettiet l-eżekuzzjoni ta' mill-inqas wieħed mix-xogħlijiet fdati mill-Komun ta' Stintino lill-kumpannija Maresar Soc. Cons. arl skond il-Konvenzjoni Nru 7/91 iffirmata fit-2 ta' Ottubru 1991 u l-atti addizzjonali konklużi sussegwentement minn dawn l-istess partijiet, ir-Repubblika Taljana naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt id-Direttiva tal-Kunsill 71/305/KEE, tas-26 ta' Lulju 1971, li tikkonċerna l-koordinament tal-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi ta' appalt, u b'mod partikolari ta' l-Artikoli 3 u 12 tagħha.

2) Ir-Repubblika Taljana hija kkundannata għall-ispejjeż.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) ta' l-4 ta' Ottubru 2007 — Il-Finlandja vs Il-Kummissjoni

(Kawża C-457/06 P)

"Appell — Rikors għal annullament — Inammissibbiltà — Att li ma joħloqx effetti ġuridiċi vinkolanti — Riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej — Proċedura ta' ksur — Artikolu 11 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1150/2000 — Imgħax għal dewmien — Negozjati biex jintlaħaq ftehim dwar ħlas kundizzjonali — Ittra ta' rifjut"